MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## MICHAEL MALLIA

Seduta tat-18 ta' Frar, 2008

Avviz Numru. 10/2006

**Maltacom p.l.c. (C 22334) u b'digriet tal- 5 ta' Dicembru 2007, l-isem tas-socjeta'  attrici gie mibdul ghal 'GO p.l.c.'**

**vs**

**Carmelo Bonello (ID 461550 M)**

Il-Qorti,

Rat l-avvizipprezentat mis-socjeta' attrici, allura Maltacom p.l.c. fil-11 ta' Jannar 2006 fejn talbet lil din il-Qorti tikkundanna lill-konvenut ihallas is-somma ta' elfejn u hmistax-il lira u tmien centezmi (Lm2015.08) rapprezentanti  ammont minnu dovut in konnessjoni ma' servizzi telefonici bin-numri 21413427 (CN1017346–AC10174305), 21417171 (AC10184255) u s/c 004140 (AC 10001804).

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-prezenti, u tat-taxxa fuq id-drittijiet professjonali u bl-imghaxijiet kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenut fejn eccepixxa:

1. Illi preliminarjament it-talbiet attrici huma preskritti a tenur ta’ l-Artikolu 2156(f) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta’ Malta;

2. Illi minghajr pregudizzju ghas-sueccepit, il-konvenut Carmelo Bonello m’huwiex il-legittimu kontradittur ghat-talbiet attrici u ghalhekk jitlob li jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju;

3. Illi minghajr pregudizzju ghas-sueccepit u fuq il-meritu, t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt;

Salv eccezzjonijiet ulterjuri permessi mill-ligi.

Rat ir-rikors tas-socjeta’ attrici ghal bdil ta’ l-isem (fol 34).

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha tal-kawza.

Ikkunsidrat:

Illi f’din il-kawza s-socjeta’ attrici qieghda titlob il-hlas ta’ Lm2015.08 ghal servizzi telefonici bin-numri 21413427 u 21417171 illi kienu registrati fuq il-konvenut, liema kont baqa’ pendenti. Il-konvenut qajjem ostakolu ghall-azzjoni attrici permezz ta’ l-artikolu 2156 (f) tal-Kodici Civili li jippreskrivi terminu ta’ hames snin ghall-azzjonijiet ta’ krediti gejjin minn operazzjonijiet kummercjali jew minn hwejjeg ohra skond il-ligi sakemm il-preskrizzjoni ma taqax taht xi terminu aqsar. Is-socjeta’ attrici rribattiet din l-eccezzjoni permezz ta’ dokument a fol 5 u 6 tal-process. F’dan id-dokument il-konvenut Carmelo Bonello f’ismu personalment qieghed jintrabat li jhallas lis-socjeta’ attrici d-debitu dovut f’pagamenti rateali bid-data tat-30 t’Awissu 2001. Il-kawza gietipprezentata fil-11 ta’ Jannar 2006 u ghalhekk il-hames snin kienu jghaddu fit-30 ta’ Awissu

2006. Ergo l-kawza gietipprezentata fit-terminu preskritt mil-ligi u ghalhekk l-eccezzjoni ta' preskrizzjoni tisthoqq li tkun michuda.

Ikkunsidrat:

Ghal dak li jirrigwarda l-meritu l-konvenut qajjem ukoll eccezzjoni ta' nuqqas ta' legittimu kontradittur. Dana l-ghaliex skond hu d-debitu ma kienx dovut minnu personalment izda mis-socjeta' li taghha huwa direttur bl-isem ta' Kurrier Holdings Limited. Il-konvenut a fol 28 ighid illi Kurrier Holdings kienet originarjament registrata fid-dar tieghu, wara li mar f'indirizz iehor l-Imriehel u ma jidhirlux illi n-numri tat-telephones fuq imsemmija kienu fuq ismu, izda fuq il-kumpanija. In kollaborazzjoni tax-xhieda tieghu l-konvenut gab lil Warren Debono (fol 32) li kien foreman mal-kumpanija tieghu u jghid li huwa kien gie awtorizzat minn Carmelo Bonello sabiex jiffirma ghan-nom tal-kumpanija.

Minn ezami tad-dokumenti esebiti pero' imkien ma jirrizulta illi l-konvenut ippresta xi kumpanija bhala debitrici tas-socjeta' attrici u dejjem, anzi rrizulta li agixxa f'ismu. Hekk jidher mill-*payment* *program* a fol 5 tal-process fejn Carmelo Bonello qed jassumi personalment id-debitu, u l-istess it-talba ghal xoghol a fol 6 Carmelo Bonello f'ismu personali qieghed jitlob li jsiru xogholijiet fuq il-fond tieghu l-Gharghur. Dokument iehor huwa dak a fol 7 u 8 tal-process fejn li huwa ftehim ghall-installazzjoni u uzu ta' '*telephone exchange line'.* Hawnhekk qieghed jiffirma Warren Debono kif debitament awtorizzat personalment minn Carmelo Bonello. L-istess dokumenti u *letter heads* ta' Carmelo Bonello ma jindikawx illi "Tal-Kurrier" kienet xi kumpanija ta' responsabbilta' limitata imma tidher biss l-isem tad-dar fejn joqghod il-konvenut. Ghalhekk il-Qorti ma jidhirlhiex issa f'dan l-istadju l-konvenut jista' jeccepixxi b'success in-nuqqas tal-legittimu kontradittur.

Il-Qorti taghmel referenza ghall-kawza fl-ismijiet *Mirabelle Distributors Limited vs Emanuel Zammit* deciza mill-Qorti ta' l-Appell Sede Inferjuri fis-16 ta' Dicembru 2002 fejn qalet *"saru frekwenti l-kawzi fejn persuna azzjonata ghal*

*hlas tinheba wara l-eccezzjoni illi ma hijiex il-legittimu kontradittur."* Kif gie osservat *"certi kazijiet huma ovvji. Ohrajn mhux daqshekk ovvji. Fejn hemm dubbju pero' wiehed kellu jipprezumi illi l-persuna li qieghda tikkuntratta kienet hekk qieghda taghmel f'isimha proprja"* (ara wkoll Lawrence Formosa et noe vs Silvio Felice  Appell 6 ta' Ottubru 1999). Il-Qorti kompliet tghid *"biex ikun diversament kien jispetta lill-appellanti li jipproducu provi konklussivi in sostenn tal-pretenzjoni taghhom proprju biex jistabilixxi li dak li kellu jigi prima facie prezunt mic-cirkostanzi materjali li fihom sar in-negozju.... ma kienux jirrispekkjaw il-verita' ghax fil-verita' n-negozju kien sar ma' haddiehor."*

F'dan il-kaz imkien ma rrizulta illi l-konvenut gab xi provi konklussivi sabiex juri lill-Qorti li n-negozju sar mal-kumpanija Kurrier Holdings u mhux mieghu personalment. Anzi fl-oppost, irrizulta ampjament ippruvat illi n-negozju sar mieghu personali fejn iffirma l-*'contract of works'* u kwalunkwe dokument iehor ghall-uzu tas-servizz mis-socjeta' attrici u ghalhekk it-talba tas-socjeta' attrici timmerita konferma.

Ikkunsidrat:

Ghal dak li jirrigwarda l-meritu ma jidhirx li huwa kontestat mill-konvenut ghajr eccezzjoni generika illi huwa nfondat imma ghaliex kellu jkun infondat ma rrizultax.  Min nahha l-ohra s-socjeta' attrici esebiet id-dokumentazzjoni necessarja sabiex turi l-modalita' tal-hlas kif ukoll il-bilanc illi kien ghadu dovut lilha, liema bilanc jidher li huwa gustifikat mill-istess dokumenti esebiti.

Ghalhekk il-Qorti filwaqt illi tiddeciedi illi tichad l-eccezzjonijiet kollha tal-konvenut, tilqa' t-talba tas-socjeta' attrici u tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas l-istess socjeta' s-somma ta' €4693.87 (Lm2,015.08) rapprezentanti  ammont dovut minnu in konnessjoni ma' servizzi telefonici bin-numri 21413427 u 21417171.

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali mid-data tan-notifika ta' l-avviz kontra l-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------